**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-------------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA14.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 ta' Mejju 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Offerti – MXR/004/2011 – Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.
4. Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.
5. Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.
6. Skeda ta' attivitajiet għas-Sajf 2012.
7. Kiri tal-*Kiosk* tax-Xlendi.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-membri.
10. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA13.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 L-applikazzjoni li għamel il-Kumitat sabiex jitranġa l-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina għadha pendenti. Il-MEPA għadhom qed isostnu li jinqala' ċ-ċint tat-taraġ li jagħti għall-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina. Il-Kumitat ser jinsisti li dan iċ-ċint tat-taraġ jibqa' hemm peress li l-proposta tal-Kumitat hija li jitranġa l-passaġġ u dan mingħajr ma jintmess it-taraġ. Il-Perit ser jiġi mitlub li jikteb lill-MEPA dwar dan. Dan il-proġett ser ikun iffinanzjat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali Skema Memo 94/2010 li ser tagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju 2012.

**3.00 Offerti – MXR/004/2011 - Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.**

3.01 Dan il-proġett diga' beda u huwa mistenni li jitlesta fi żmien 40 ġurnata.

**4.00 Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.**

4.01 Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fil-15 ta' Frar 2012 u nstabu tliet offerti:

(1) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
(2) Rapa Showroom Co. Ltd.
(3) Mario Mallia

Peress li t-tliet *tenders* ma nkludewx speċifikazzjonijiet tal-prodotti ċari, ma setgħatx issir evalwazzjoni ġusta. Għalhekk fis-7 ta' Mejju 2012, il-Kumitat talab kjarifikazzjoni sabiex it-*Tenderers* jerġgħu jibgħatu informazzjoni bl-ispeċifikazzjoni mill-ġdid sa nofsinhar tat-Tlieta, 15 ta' Mejju 2012.

- Mario Mallia ma bagħat l-ebda materjal.
- Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. bagħtu r-riżultati tat-testijiet mingħand il-Kumpanija li tissupplixxi l-*Litter Bins* u l-Bankijiet.
- Rapa Showroom Co. Ltd. bagħtu d-dettalji sħaħ inkluż ritratti tal-*Lamp Posts*, *Litter Bins* u Bankijiet ikkwotati.

Mario Mallia ġie eliminat peress li l-*Litter Bins* u l-Bankijiet ma kienux jikkonsistu f' 100% materjal irriċiklat.

Il-prezz ikkwotat minn Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. għas-*supply* tal-*Lamp Posts* inkluż il-*Lanterns* huwa ta' €205 filwaqt li l-prezz ikkwotat minn Rapa Showroom Co. Ltd. huwa ta' €352.83. Fl-opinjoni tal-Kumitat, il-prezz ikkwotat minn Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. huwa ikkwotat ħażin u għalhekk ifisser li Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. qatt ma pprovdew prova ċara ta' l-oġġetti li jistgħu jissupplixxu b' dak il-prezz.

Il-*Litter Bins* ikkwotati minn Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. jiswew €250 filwaqt li dawk ikkwotati minn Rapa Showroom Co. Ltd. jiswew €291. Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. qed joffru 100% materjal irriċiklat filwaqt li Rapa Showroom Co. Ltd. qed joffru kemm 100% materjal irriċiklat kif ukoll oħrajn tal-*plastic*.

Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. ikkwotaw għal żewġ għażliet fir-rigward tal-Bankijiet, waħda tammonta għal €465 u tirreferi għal bank li m'huwiex 100% materjal irriċiklat u l-kwotazzjoni l-oħra li tammonta għal €680 tirreferi għal bank li huwa 100% materjal irriċiklat.

Rapa Showroom Co. Ltd. ikkwotaw is-somma ta' €554.11 għal żewġ għażliet ta' Bankijiet li huma magħmulin minn 100% materjal irriċiklat.

Kien hemm qbil unaminu li din l-offerta MXR/003/2012 - *Supply and Fix Benches, Lamp Posts and Litter Bins* tingħata lil Rapa Showroom Co. Ltd.

Din l-offerta ser tiġi ffinanzjata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali Memo 55/2011 u l-irċevuti jridu jiġi ppreżentati lid-Dipartiment sat-30 ta' Novembru 2012. Ġie deċiż li jiġu ordnati dawn:

| | |
|---|---|
| 25 Fanal @ €352.83 = | € 8,820.75 |
| 12 *Litter Bins* @ €291.00 = | € 3,492.00 |
| 14-il Bank @ €554.11 = | € 7,757.54 |
| TOTAL | €20,070.29 |

**5.00 Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.**

5.01 J Portelli Projects ma aċċettax li jaħdem bil-prezz ikkwotat peress li kien hemm żball fil-*Bill of Quantities* rigward ir-*railing*.

Peress li l-Kumitat m'għandux fondi biżżejjed sabiex jagħżel it-tieni l-orħos offerta, din l-offerta ġiet ikkanċellata.

**6.00 Skeda ta' attivitajiet għas-Sajf 2012.**

6.01 Il-Kumitat kien applika għal Skema ta' Attivitajiet permezz ta' Memo 65/2011 u ser jingħata s-somma ta' €4,000.

Iċ-*Chairperson* ippropona li jsiru dawn l-attivitajiet u kien hemm qbil:

20 ta' Ġunju 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 9.00pm.
11 ta' Lulju 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 9.00 pm.
15-16 ta' Lulju 2012 - Il-Fjakkolata Tradizzjonali tax-Xlendi - 9.30pm - 12.30am.
1 t' Awwissu 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 9.00pm.
11-12 t' Awwissu 2012 - Il-Fjakkolata Tradizzjonali tax-Xlendi - 9.30pm - 12.30am.
22 t' Awwissu 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 9.00pm.
1-2 ta' Settembru 2012 - Il-Fjakkolata Tradizzjonali tax-Xlendi - 9.30pm - 12.30am.
5 ta' Settembru 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 9.00pm.
20 ta' Settembru 2012 - Ix-Xlendi Open Air Film Screening - 8.30pm.

6.02 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li hemm il-possibbilta' li l-attivita' abbinata mal-World Tourism Day issir fix-Xlendi. Huwa ppropona li l-Kumitat jikkuntatja lis-Soċjeta' Mużikali Leone rigward il-Kunċert Aurora Goes Pop dwar il-possibbilta' li jsir Kunċert fix-Xlendi.

**7.00 Kiri tal-*Kiosk* tax-Xlendi.**

7.01 Il-Kumitat ħareġ sejħa fil-gazzetti sabiex il-*Kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi tkun tista' tinkera sabiex jiġu offruti servizzi finanzjarji permezz ta' ATM. Is-sejħa għalqet fit-2 ta' Mejju 2012 u ntefgħet offerta waħda mingħand l-HSBC Bank Malta plc. Huma qed joffru li jħallsu s-somma ta' €2,350 fis-sena, iwaħħlu CCTV fuq il-kamra u jipprovdu d-dawl lill-*Interactive Kiosk* li ser issir mill-Għaqda Inħobbu lill-Munxar u Ix-Xlendi.
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li minn dik is-somma offruta trid titħallas kera ta' €350 fis-sena u d-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern jieħu *commission* fuq il-bqija. Is-Sur Vincent Borg irrimarka li l-ammont offrut huwa baxx ħafna u biex tkun imħallsa sew iridu joffru €4,500 fis-sena. Iċ-*Chairperson* ser jiċċekkja biex jara jekk dan il-prezz offrut mill-HSBC Bank Malta plc huwiex raġonevoli.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Il-Kumitat Amministrattiv irċieva *e-mail* mingħand il-*Project Leader* fil-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru Audio Visual Information Panels. Huma qed jipproponu li ssir waħda fil-*Parking* tax-Xlendi, dejjem jekk il-Kumitat jaqbel u jipprovdi d-dawl għaliha. Kien hemm qbil dwar dan.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li jeżistu *pots* b' materjal riċiklat u għaldaqstant ikunu jifilħu għall-elementi ta' viċin il-baħar. Kien hemm qbil li fit-*tender* li ser terġa' toħroġ, il-*pots* ikunu magħmula minn materjal riċiklat.

8.03 Il-Kumitat irċieva ilment mingħand resident ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Din il-persuna qed tilmenta dwar il-grada tal-*culvert* peress li qiegħda tħabbat kull meta tgħaddi xi vettura minn fuqha u qed tkun ta' periklu u inkonvenjent ħafna, speċjalment bil-lejl.

Peress li m'hemmx bankini matul Triq San Xmun, din il-persuna qed titlob li jsiru *slow signs* sabiex jevitaw li jsiru aċċidenti peress li spiss ikun hemm *over speeding*. Il-Kumitat kien ser jieħu ħsieb jirranġa din il-grada u jinżebgħu s-*slow signs*.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand resident ta' Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi sabiex *single yellow line* li kien sar meta kienu qed isiru x-xogħlijiet fi Triq ix-Xlendi, jitneħħa. Il-Kumitat qabel li jikteb lil Transport Malta.

8.05 Il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq għal Għawdex informa lill-Kumitat Amministrattiv u lill-Kunsill li wara li ddiskuta t-talba tagħna, l-Kumitat iddeċieda li m'hemmx skop illi wesgħa maqsuma b' ħajt baxx għal ħarsien tad-dgħajjes mill-ilmijiet tal-wied, tingħata żewġ ismijiet u għaldaqstant il-wesgħa kollha tingħata l-isem 'L-Iskall tad-Dgħajjes'.

8.06 Il-Kumitat irċieva mingħand Transport Malta rigward Rotta 306 (Ix-Xlendi) li ser tiġi estiża b' ħinijiet iktar frekwenti biex tipprovdi servizz aktar effiċjenti. Ir-Rotta ser titlaq mit-Terminus tar-Rabat, tibqa' sejra għall-Pjazza tal-Munxar, tgħaddi minn Ras il-Bajjada għax-Xlendi u tirritorna lura mill-Fontana. Dan is-servizz ser jibda mis- 27 ta' Mejju 2012. Il-Kumitat ser jieħu ħsieb jibgħat *flyer* bil-ħinijiet il-ġodda lir-residenti tal-Munxar u Ix-Xlendi.

8.07 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dokument ta' ftehim li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-MEPA sabiex tgħaddi s-somma ta' €137,076.24 mill-fond ta' UIF.

**9.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

9.01 Iċ-*Chairperson* staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar jekk saritx l-ordni tal-*Fairy Lights*. L-ordni li tammonta għal €1,468.76 saret fit-30 t' April 2012 u ser jaslu f' nofs Mejju 2012.

9.02 Iċ-*Chairperson* staqsa dwar l-istudju li talbet il-MEPA minħabba l-applikazzjoni tal-Kumitat sabiex isir *Cantilever Footpath* fi Triq San Xmun. Dan l-istudju sar mill-Perit Mariello Spiteri għas-somma ta' €885.00 u ġie ppreżentat lill-MEPA fil-ħin mitlub.

9.03 Iċ-*Chairperson* staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-kollezzjoni ta' skart domestiku li ser issir fix-Xlendi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. Il-Kuntrattur għadu qed jinsisti li l-anqas prezz huwa ta' €60 għas-sena 2012, €63 għas-sena 2013 u €66 għas-sena 2014. Dan il-prezz huwa għal kull ġabra għax-Xlendi biss.

9.04 Is-Sur Vincent Borg talab sabiex jitnaddaf il-ħmieġ li jdaħħal il-baħar fil-Wied tal-Kantra. Dan il-wied kien għadu kemm tnaddaf.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li hemm taraġ fi Triq l-Għar ta' Karolina li jagħti għall-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina li għadu bla *railing*. Qed tinħass il-ħtieġa li jsir *railing* għal dan it-taraġ. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***